



Il-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad ilment fil-konfront ta' PKP Cargo, kumpannija kkontrollata mill-Istat Pollakk, għal allegat abbuż mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fil-Polonja

Hija teżamina għall-ewwel darba l-effett ta' nuqqasijiet sistemiċi jew iġġeneralizzati tal-Istat tad-dritt fi Stat Membru fuq id-determinazzjoni tal-awtorità tal-kompetizzjoni fl-aħjar pożizzjoni sabiex teżamina lment

Fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' attivitajiet fis-settur tal-provvista ta' servizzi ta' trasport, il-kumpannija rregolata mid-dritt Pollakk Sped-Pro S.A. (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti") irrikorriet għas-servizzi ta' trasport ferrovjarju ta' merkanzija pprovduti minn PKP Cargo S.A., kumpannija kkontrollata mill-Istat Pollakk.

Fl-4 ta' Novembru 2016, ir-rikorrenti ressqet ilment kontra PKP Cargo quddiem il-Kummissjoni Ewropea. F'dan l-ilment, hija sostniet li PKP Cargo kienet abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq tas-servizzi ta' trasport ferrovjarju ta' merkanzija fil-Polonja minħabba l-allegat rifjut tagħha li tikkonkludi magħha kuntratt ta' kooperazzjoni pluriannwali skont il-kundizzjonijiet tas-suq.

Fit-12 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni ċaħdet l-ilment permezz tad-Deċiżjoni C(2019) 6099 final¹ (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), għar-raġuni, essenzjalment, li l-awtorità tal-kompetizzjoni Pollakka kienet fl-aħjar pożizzjoni sabiex teżaminah.

Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li r-rikorrenti ppreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Insostenn tar-rikors tagħha, hija invokat tliet motivi, ibbażati, rispettivament, fuq ksur tad-dritt tagħha li l-kawża tagħha tiġi ttrattata f'terminu raġonevoli u fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, fuq ksur tal-prinċipju ta' Stat tad-dritt fil-Polonja u fuq żbalji manifesti fl-evalwazzjoni tal-interess tal-Unjoni li jitkompla l-eżami tal-ilment.

Permezz tas-sentenza tagħha tad-9 ta' Frar 2022, il-Qorti Ġenerali qegħda tilqa' r-rikors u tannulla d-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha. F'din l-okkażjoni, hija teżamina għall-ewwel darba l-effett ta' nuqqasijiet sistemiċi jew iġġeneralizzati tal-Istat tad-dritt fi Stat Membru fuq id-determinazzjoni tal-awtorità tal-kompetizzjoni fl-aħjar pożizzjoni sabiex teżamina lment. Hija tagħmel ukoll preċiżazzjonijiet importanti dwar iċ-ċirkustanzi li fihom ksur tat-terminu raġonevoli jista' jwassal għall-annullament ta' deċiżjoni ta' ċaħda fil-qasam tal-kompetizzjoni.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Fl-ewwel lok, f'dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' terminu raġonevoli, il-Qorti Ġenerali tfakkar, minn naħa, li l-osservanza ta' terminu raġonevoli fit-tmexxija tal-proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni tikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. L-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea wkoll jikkonferma mill-ġdid il-prinċipju ta' terminu raġonevoli ta' proċedura amministrattiva. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li l-Kummissjoni għandha l-obbligu li tagħti deċiżjoni dwar ilment fil-qasam tal-kompetizzjoni f'terminu

¹ Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 6099 final tat-12 ta' Awwissu 2019 (Każ AT.40459 – Spedizzjoni tal-merkanzija bil-ferrovija fil-Polonja – PKP Cargo).

raġonevoli. Madankollu, il-Qorti Ġenerali tispeċifika, min-naħa l-oħra, li l-ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli jista' jwassal għall-annullament ta' deċiżjoni ta' ċaħda ta' lment biss meta r-rikorrenti turi li l-qbiż tat-terminu raġonevoli jkun affettwa l-possibbiltà tagħha li tiddefendi l-pożizzjoni tagħha matul din il-proċedura, li huwa neċessarjament il-każ jekk l-imsemmi qbiż ikun ipprekludiha milli tiġbor jew milli tinwoka quddiem il-Kummissjoni punti ta' fatt jew ta' liġi relatati mal-prattiki antikompetittivi allegati jew mal-interess tal-Unjoni li tinvestiga l-każ.

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti Ġenerali tqis, f'dan il-każ, li ma huwiex neċessarju li tagħti deċiżjoni dwar l-osservanza mill-Kummissjoni tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli, peress li r-rikorrenti ma pproduċiet l-ebda prova li tista' turi li l-qbiż allegat ta' dan it-terminu affettwa l-possibbiltà tagħha li tiddefendi l-pożizzjoni tagħha matul din il-proċedura. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li l-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli huwa infondat.

Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-interess tal-Unjoni li jitkompla l-eżami tal-ilment, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma wettqet l-ebda żball manifest ta' evalwazzjoni meta qieset li l-prattiki allegati kienu jikkonċernaw prinċipalment is-suq tas-servizzi ta' trasport ferrovjarju tal-merkanzija fil-Polonja, li l-awtorità tal-kompetizzjoni Pollakka kienet kisbet għarfien iddettaljat tas-settur, u li, abbażi ta' dawn il-fatturi, din l-awtorità kienet f'pożizzjoni aħjar sabiex teżamina l-ilment. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali tispeċifika li huwa b'mod żbaljat li r-rikorrenti ssostni li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kellha tiegħu inkunsiderazzjoni wkoll fatturi oħrajn għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-interess tal-Unjoni li tinvestiga l-każ. Konsegwentement, il-motiv ibbażat fuq żbalji manifesti fl-evalwazzjoni tal-interess tal-Unjoni li jitkompla l-eżami tal-ilment huwa wkoll miċħud b'ħa infondat.

Fit-tielet lok, f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni tal-osservanza tal-prinċipju ta' Stat tad-dritt fil-Polonja, il-Qorti Ġenerali teżamina l-argument tar-rikorrenti li l-Kummissjoni kienet f'pożizzjoni aħjar sabiex teżamina l-ilment, fid-dawl tan-nuqqasijiet sistemiċi u iġġeneralizzati tal-Istat tad-dritt fil-Polonja u, b'mod partikolari, tan-nuqqas ta' indipendenza tal-awtorità tal-kompetizzjoni Pollakka u tal-qrati nazzjonali kompetenti fil-qasam.

Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tivverifika jekk tali nuqqasijiet kinux jipprekluduha milli tiċħad l-ilment abbażi tal-fatt li l-awtorità tal-kompetizzjoni Pollakka kienet f'pożizzjoni aħjar biex teżaminah. Għal dan il-għan, hija tapplika, b'analoġija, l-analiżi fiż-żewġ stadji meħtieġa fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej sabiex jiġi rrispettat id-dritt fundamentali għal smiġħ xieraq, konformement mas-sentenza Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-Sistema Ġudizzjarja)², li tikkonsisti fl-evalwazzjoni, l-ewwel, tal-eżistenza ta' riskju reali ta' ksur ta' dan id-dritt marbut ma' nuqqas ta' indipendenza tal-qrati tal-Istat Membru inkwistjoni, minħabba nuqqasijiet sistemiċi jew iġġeneralizzati f'dan l-Istat, u, it-tieni, tar-realtà tar-riskju effettivament affaċċjat mill-persuna kkonċernata, fid-dawl taċ-ċirkustanzi konkreti tal-każ inkwistjoni.

F'dan ir-rigward, l-ewwel, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li l-osservanza tar-rekwiżiti tal-Istat tad-dritt hija fattur rilevanti li l-Kummissjoni għandha tiegħu inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-awtorità tal-kompetizzjoni fl-aħjar pożizzjoni sabiex teżamina lment u li, għal dan il-għan, il-Kummissjoni setgħet tapplika b'analoġija l-analiżi inkwistjoni. Fil-fatt, għalkemm hemm differenzi bejn il-fatti li fuqhom hija bbażata s-sentenza ċċitata iktar 'il fuq u dawk li fuqhom hija bbażata din il-kawża, madankollu diversi kunsiderazzjonijiet ta' prinċipju jiġġustifikaw l-applikazzjoni b'analoġija tat-tagħlim li jirriżulta mill-imsemmija sentenza għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-awtorità tal-kompetizzjoni fl-aħjar pożizzjoni sabiex teżamina lment li jallega ksur tal-Artikoli 101 u 102 TFUE. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tirrileva, qabel kollox, li, b'ħa-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, il-kooperazzjoni, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, bejn il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membru u l-qrati nazzjonali hija bbażata fuq il-prinċipji ta' rikonossiment reċiproku, ta' fiduċja reċiproka u ta' kooperazzjoni leali. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-ġurisprudenza diġà timponi fuq il-Kummissjoni, qabel ma tiċħad ilment minħabba nuqqas ta' interess tal-Unjoni, l-obbligu li

² Sentenza tal-25 ta' Lulju 2018 Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-Sistema Ġudizzjarja), [C-216/18 PPU](#) (ara wkoll l-[Istqarrija għall-Istampa Nru 113/18](#)).

tiżgura li l-istanzi nazzjonali jkunu f'pożizzjoni li jipproteġu b'mod sodisfaċenti d-drittijiet tal-lanjant. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li d-dritt fundamentali għal smiġh xieraq quddiem qorti indipendenti ggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu wkoll, b'hal fis-sentenza ċċitata iktar 'il fuq, importanza partikolari għall-applikazzjoni effikaċi tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, peress li l-qrati nazzjonali huma msejja, minn naħa, jistħarrġu l-legalità tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali u, min-naħa l-oħra, japplikaw direttament dawn id-dispożizzjonijiet.

It-tieni, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li l-eżami mwettaq mill-Kummissjoni tat-tieni stadju tal-analiżi msemmija iktar 'il fuq ma kienx konformi mad-dritt tal-Unjoni. F'dan il-każ, ir-rikorrenti kienet invokat, matul il-proċedura amministrattiva, sensiela ta' indizji konkreti li, fil-fehma tagħha, meħuda flimkien, setgħu juru li kienu jeżistu motivi serji u pprovati sabiex wieħed jemmen li kien hemm riskju reali għaliha ta' ksur tad-drittijiet tagħha li kieku l-kawża tagħha kellha tiġi eżaminata mill-qrati nazzjonali. Dawn l-indizji kienu bbażati, b'mod partikolari, fuq il-kontroll eżerċitat mill-Istat fuq PKP Cargo, fuq id-dipendenza tal-President tal-awtorità tal-kompetizzjoni Pollakka fuq il-poter eżekuttiv, fuq il-fatt li l-kumpannija omm ta' PKP Cargo hija waħda mill-membri ta' assoċjazzjoni li l-għan tagħha huwa d-difiża u l-promozzjoni tar-riforma tas-sistema ġudizzjarja fil-Polonja, fuq il-politika klementi li bbenefikat minnha PKP Cargo min-naħa tal-awtorità tal-kompetizzjoni Pollakka, fuq ir-rikorsi ppreżentati mill-Prosekutur Ġenerali fil-konfront ta' deċiżjonijiet ta' din l-istess awtorità f'dak li jirrigwarda PKP Cargo u fuq inkapaċità tal-qrati nazzjonali kompetenti fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet tal-awtorità tal-kompetizzjoni Pollakka minħabba n-nuqqas ta' indipendenza tagħhom stess. Issa, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma eżaminatx dawn l-indizji u llimitat ruħha, essenzjalment, taferma li dawn ma kinux sostnuti. Peress li qieset li l-Kummissjoni ma eżaminatx b'mod konkret u preċiż id-diversi indizji prodotti mir-rikorrenti matul il-proċedura amministrattiva, il-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li l-Kummissjoni kisret l-obbligi tagħha li jirriżultaw mis-sentenza ċċitata iktar 'il fuq, kif ukoll l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355